

L-istudenti tal-MCAST li laqgħu dan l-investiment b'mod pożittiv minħabba li se jiftaħ opportunitajiet ġodda fil-qasam tal-manutenzjoni tal-ajruplani (Ritratt: Michael Ellul)

L-INVESTIMENT TAL-SR TECHNICS

# Iktar opportunitajiet għall-istudenti fil-manutenzjoni tal-ajruplani

minn **Josianne Camilleri**

Wahda mir-raġunijiet li wasslu għall-investiment li se tagħmel f'pajjiżna l-kumpanija tal-manutenzjoni tal-ajruplani mill-Iżvizzera, l-SR Technics, huwa l-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST) u t-taħriġ li joffri f'dan is-settur. Dan l-investiment se jwassal għal iktar opportunitajiet għall-istudenti li qed isegwu l-korsijiet fl-MCAST.

F'kummenti lil *In-Nazzjon*, l-istudenti li qed isegwu korsijiet tal-MCAST fil-manutenzjoni tal-ajruplani kellhom reazzjonijiet pożittivi għall-opportunitajiet li qed joffru l-kumpaniji li qed jinvestu f'pajjizna. L-istudenti qed jilqgħu tajjeb hafna l-għażla ta' kumpaniji li jistgħu jaħdmu magħhom kif ukoll l-opportunitajiet biex ikomplu javvanzaw fit-taħriġ li jsegwu.

Fi kliem Mario Cassar, *Training Manager* fl-MCAST, din l-istituzzjoni edukattiva tilqa' b'sodisfazzjon kbir l-investiment kbir li qed jagħmlu dawn il-kumpaniji li se jwassal biex l-istudenti ikollhom hafna opportunitajiet ta' xogħol fil-futur immedjat.

Sa issa l-MCAST ipprovdiet madwar 200 student li lestew korsijiet relatati mal-manutenzjoni tal-ajruplani filwaqt li għal din is-sena skolastika li għadha kif bdiet, applikaw madwar 200 student u studenta oħra biex isegwu korsijiet differenti f'dan is-settur. Interessanti l-fatt li t-taħriġ li joffri l-MCAST huwa kofinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

Ronald Curmi, *Quality Manager* tal-korsijiet li qed jingħataw f'dan is-settur speċjalizzat qal li l-MCAST għaddej bi proċess mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni biex joffri korsijiet iktar avvanzati. L-MCAST għaddej ukoll b'taħdidiet mal-kumpaniji f'dan is-settur biex ikunu magħrufa l-ħtiġijiet tal-industrija u jiġu offruti korsijiet skont il-bżonn.

Sadattant l-opportunitajiet ta' taħriġ għal dawn l-istudenti imorru lil hinn minn xtutna. L-istudenti li javvanzaw fl-istudji tagħhom se jkollhom l-opportunità ikomplu bit-taħriġ tagħhom barra minn Malta, fil-każ tal-SR Technics it-taħriġ se jkompli jingħata fl-Iżvizzera.

# 125 organizzazzjoni bbenefikaw minn €3 miljun f'fondi mill-Unjoni Ewropea

■ *Investiment ta' €140 miljun għal proġetti ta' infrastruttura b'kofinanzjament mill-UE*

Fl-aħħar 10 xhur 125 organizzazzjoni Maltija li bbenefikaw minn madwar €3 miljun f'fondi mill-UE wara li ngħataw l-assistenza tal-Kumitat ta' Azzjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-UE (MEUSAC).

Dan sostnieh il-Prim Ministru Lawrence Gonzi meta lbieraħ indirizza l-*core-group* tal-MEUSAC fil-Belt.

Il-laqgħa tal-MEUSAC, li għaliha attendew l-imsieħba soċjali, kienet introdotta mis-Segretarju Parlamentari Chris Said li tkellem dwar ir-rwol tal-MEUSAC u l-mod kif dan jopera.

Fid-diskors tiegħu l-Prim Ministru Lawrence Gonzi tkellem dwar l-importanza tad-djalogu soċjali u qal li l-mudell tal-MEUSAC, li fih jipparteċipaw l-imsieħba soċjali, kien mudell li ta riżultati pożittivi.

Hu kompla li l-MEUSAC għandu rwol importanti li jinforma lis-soċjetà ċivili u joħloq djalogu soċjali dwar ir-relazzjonijiet ta' Malta mal-UE. Hu tkellem ukoll dwar l-impatt tal-UE fuq il-postijiet tax-xogħol u qal li d-diskussjonijiet li jsiru fl-UE għandhom rabta diretta ma' dak li jseħħ f'Malta. Bħala eżempju ta' dan il-Prim Ministru semma d-diskussjoni li saret fl-UE dwar il-klima.

Ir-regoli tal-UE, sostna l-Prim Ministru, huma ta' benefiċċju għal Malta f'diversi setturi fosthom fid-drittijiet tal-ħaddiema u l-konsumatur u l-kwalità tal-ħajja. Il-Prim Ministru tkellem dwar ir-realtà Ewropea ta' Malta u qal li din hi ta' vantaġġ kbir għal Malta u tat ukoll vantaġġ lil Malta fuq il-kompetituri tagħha.

Il-Prim Ministru tkellem dwar il-mod kif il-pajjiż qed jirnexxilu jħaddem l-għodda tad-djalogu soċjali bl-aqwa mod u b'mod li qed jikseb riżultati pożittivi. Bħala eżempju l-Prim Ministru semma l-Baġit u qal li dan kien proċess li kellu l-kunsens tal-imsieħba soċjali.

Lawrence Gonzi semma kif bl-iskop li d-djalogu soċjali jkun qed jitħaddem il-Gvern waqqaf is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika. F'din il-leġislatura l-Gvern, sostna l-Prim Ministru, ippubblika diversi dokumenti għall-konsultazzjoni fosthom dwar liġijiet, inizjattivi u riformi li qed jitwettqu.

Il-Prim Ministru qal li minbarra l-fondi ta' €3 miljun miksuba mill-UE, il-Gvern investa wkoll €280,000 f'fond għall-għaqdiet mhux Governattivi. Filwaqt li semma l-prijorità li l-Gvern qed jagħti għal Għawdex, il-Prim Ministru qal li għas-sena li ġejja l-Gvern se jalloka €140 miljun f'fondi mill-UE għal proġetti infrastrutturali fosthom toroq, drenaġġ u restawr tas-swar.

Il-Prim Ministru tkellem dwar il-kontribut li qed jagħti l-MEUSAC biex il-fondi tal-UE jitqarrbu lejn l-organizzazzjonijiet u l-għaqdiet Maltin u qal li l-fatt li fl-aħħar 10 xhur kien hemm 125 għaqda Maltija li bbenefikaw minn €3 miljuni mill-UE juri kemm il-MEUSAC qed jirnexxilha tqarraq il-fondi tal-UE lejn l-għaqdiet.

media•link COMMUNICATIONS
NET RADIO 101 il-mument IN-NAZZJON PIN informa maltarightnow.com
www.radio101.com.mt